

# "Santa Marija ta' Nofs Awwissu" meqjuma f'Għawdex fi tmiem is-Seklu 16

*Dun Anthony M. Saliba*



*Il-Knisja Matriċi, Kolleġġjata Insinji, u Katidrali ta' Għawdex, iddedikata sa mill-qedem lil Santa Marija Assunta. L-oriġini ta' din il-parroċċa huma Biżantini u fl-1299 kienet diġà tiffunzjona bħala knisja parrokkjali fil-veru sens tal-kelma.*

Bosta huma dawk l-awturi li sejħu lil Għawdex "il-Gżira ta' Santa Marija". Dan għaliex sa mill-qedem, l-Għawdxin qiemu lill-Madonna taħt dan it-titlu għażiż tal-Assunzjoni tagħha fis-sema. Waħda mill-provi li jixhdu għal dak li qed ngħidu huwa n-numru kbir ta' knejjes iddedikati lil Santa Marija Assunta li kienu wieqfa f'Għawdex sa mill-ibgħad żminijiet, mifruxin mal-erbat irjieħ tal-gżira, li allura nistgħu ngħidu li kienu ċentri ta' qima Marjana fi żmien meta l-ħajja tal-Għawdxin kienet waħda iebsa u mimlija qtiegħ ta' qalb. Minn dawn il-knejjes, l-imħabba tal-Għawdxin lejn il-Madonna kompliet tissaħħaħ minn żmien għal żmien u l-għożża lejn il-festa tal-Assunzjoni tagħha fis-sema kompliet dejjem tikber matul is-snin.

F'din il-kontribuzzjoni storika ser nitkellmu dwar il-knejjes ta' Santa Marija li kien hemm wieqfa f'Għawdex lejn tmiem is-seklu 16. Għażilna dan il-perjodu peress li huwa wieħed mill-iktar importanti u interessanti fl-istorja ta' din il-gżira minħabba diversi ġrajjiet straordinarji li seħħew matulu u li bidlu kompletament il-ħajja politika, soċjali, u anke reliġjuża tal-Għawdxin.

## Għawdex fis-seklu 16

Meta nitkellmu dwar is-seklu 16, ma nistgħux ma nsemmux żewġ ġrajjiet ewlenin li huma importanti ħafna fi ġrajjiet il-gżira Għawdxija:

**1. Il-Wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta u Għawdex:** nhar it-23 ta' Marzu 1530, l-imperatur Karlu V ħareġ il-bulla li permezz tagħha għadda b'fewdu l-Gżejjer Maltin u l-belt ta' Tripli lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-Granmastru L'Isle Adam wasal Malta nhar is-26 ta' Ottubru 1530 u għamel l-ingress sollenni tiegħu fl-Imdina nhar it-13 ta' Novembru ta' dik l-istess sena.[1] Fl-ewwel ġranet tiegħu f'Malta, il-Granmastru L'Isle Adam żar anke lil Għawdex u għadda xi żmien għand in-nobbli Indri Mannara fil-belt imdawwra bis-swar, illum imsejħa "iċ-Ċittadella".[2]

**2. L-Assedju l-Kbir ta' Għawdex:** Fis-seklu 15, Għawdex ta' sikwit kien jisfa fil-mira tat-Torok u tal-kursara Misilmin li kien jinżlu jisirqu u jħarbtu kulma jsibu quddiemhom. Mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann fil-gżejjer Maltin, dawn l-attakki mhux talli ma naqsux imma saru iktar spissi. Fil-fatt it-Torok ħabtu għal Għawdex fl-1533, fl-1540, fl-1541, fl-1544, fl-1545, fl-1546, fl-1547, fl-1550... sakemm fl-aħħar wasal l-attakk il-kbir tal-1551.[3]

Nhar it-18 ta' Lulju 1551, l-iġfna Torok tfaċċaw fuq ix-xefaq ta' Malta. Kien hemm b'kollox 145 ġifen immexxija minn Sinan Pasha mgħejjun minn Turghut Reis (Dragut) u Kambil Bey. F'dak l-istess jum it-Torok żbarkaw f'Marsamxett u bdew resqin lejn l-Imdina biex jattakkawha. Imma t-Torok qatgħu qalbhom mill-Imdina u, nhar il-21 ta' Lulju, irtiraw lejn ix-xwieni tagħhom.[4] L-għada, it-22 ta' Lulju, it-Torok resqu lejn Għawdex, żbarkaw fil-port tal-Imġarr, u bdew resqin lejn il-Belt. Kif waslu taħt is-swar tagħha, ħarbtu u okkupaw is-subborg, imsejjaħ ir-Rabat, u bdew ilestu ruħhom għat-taqbid. L-attakk fuq il-belt ta' Għawdex beda l-Ġimgħa 24 ta' Lulju, nofs siegħa qabel sbieħ il-jum u kompla bi ħruxija kbira sal-jum tal-Ħadd.[5] Il-Gvernatur ta' Għawdex Fra Galatiano de Sesse pprova jinnegozja ftehim mat-Torok imma Sinan Pasha aċċetta li jħalli biss erbgħin ruħ ħielsa jekk il-Gvernatur iċedi l-belt bil-kwiet. Nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju, de Sesse ordna li jinfetħu l-bibien tal-belt. Kif daħlu 'il ġewwa mill-ħitan tal-Belt, it-Torok ħallew erbgħin xiħ u xwejħa Għawdxin jitilqu ħielsa, biex jonoraw il-ftehim li kienu għamlu ma de Sesse. Imbagħad farrku kulma sabu quddiemhom u kaxkru l-bqija tal-popolazzjoni ta' Għawdex fil-jasar.[6]

**Il-Viżta Apostolika ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575**

Bil-mod il-mod Għawdex beda jistejqer mill-ħerba li kien ġarrab fl-1551. U erbgħa u għoxrin sena wara seħħet ġrajja oħra importanti ħafna: il-Viżta Apostolika li Mons. Pietru Dusina wettaq fil-gżejjer Maltin fl-1575. F'Għawdex il-Viżitatur Appostoliku wasal nhar il-Ħadd 13 ta' Frar u baqa' sejjer dritt lejn il-'*principalem*




*Il-Knisja ta' Santa Marija tal-Qala - illum iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni.*

*Ecclesiam Castri dictae Insulae sub invocatione Assumptionis Beatae Mariae"* – "il-knisja prinċipali tal-Kastell tal-imsemmija gżira taħt it-titlu tal-Assunzjoni tal-Beata Marija", illum il-Katidral ta' Għawdex.[7] Wara din, Mons. Dusina beda jdur il-knejjes l-oħra kollha tal-gżira, waħda wara l-oħra.

Ikun interessanti jekk nieħdu f'idejna r-rapport ta' din il-Viżta Appostolika li għamel Mons. Dusina u naraw kemm kien hemm knejjes iddedikati lil Santa Marija f'Għawdex fl-1575, liema kienu, u fejn kienu jinsabu. Dan jgħinna nifmhu aħjar kemm hija qadima d-devozzjoni lejn l-Assunta u l-festa tagħha ġewwa Għawdex. Ma ninsewx li, skont dokument tas-16 ta' Frar 1398, il-festa ta' "Santa Marija ta' Nofs Awwissu" (kif kienet magħrufa fl-antik kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija) kienet diġà tgawdi popolarità kbira fost l-Għawdxin tant li nistgħu ngħidu li kienet diġà l-festa ewlenija tal-gżira.[8] Li f'Għawdex kien hemm diversi knejjes iddedikati lil Santa Marija sa minn żmien l-iktar qadim jista' jigi ppruvat mill-fatt li saħansitra fuq il-gżira ta' Kemmuna kien hemm knisja msemmija għaliha: "En la dicta isola e' una chiegia che a nome Sancta Maria", kif naqraw fil-Portulan Lo Compasso di Navigare tal-1296. Ta' min wieħed josserva li fl-1296 din il-knisja kienet diġà qadima biżżejjed biex tagħti l-isem lill-bajja fejn kienet tinsab: "la dicta Gala de Sancta Maria de Comino", kif hemm imniżżel fl-istess Portulan.[9]

Qabel xejn, tajjeb li wieħed jgħid li f'Għawdex Mons. Dusina sab sbatax-il knisja ddedikati lill-Madonna. Minn dawn is-sbatax, disgħa kienu imsemmija għal Santa Marija – numru tabilħaqq kbir li jixhed kemm id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu kienet

imxerrda u qadima. Kif ninnutaw f'din il-Viżta, fl-1575 dawn id-disa' knejjes kienu diġà ferm qodma: nafu fiċ-ċert li xi wħud minnhom twaqqfu fis-seklu 15. Tajjeb li wieħed jgħid ukoll li dan ma jfissirx li ma kienx hemm knejjes oħrajn iddedikati lill-Assunta li forsi qabżu lil Mons. Dusina jew li forsi dan deherlu li ma kienx il-każ li jmur iżurhom minħabba li kienu fi stat ħażin jew forsi mġarrfa għal kollox. Ma ninsewx il-ħerba li minnha kien għadda Għawdex ftit snin qabel kif ukoll l-inżul kontinwu tat-Torok u l-kursari fil-gżira li semmejna fuq, u li dawn kienu jħarbtu u jisirqu kull ma jsibu fil-kampanja Għawdxija. Imma ejjew inżommu mal-lista li nsibu fir-rapport tal-Viżta u naraw liema u fejn kienu dawn id-disa' knejjes ta' Santa Marija li sab Mons. Dusina f'Għawdex fl-1575.

**1. Il-Knisja tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija fil-Belt ta' Għawdex:**

Kif diġà għidna fuq, Mons. Pietru Dusina beda l-Viżta Appostolika tiegħu minn din il-knisja parrokkjali li kienet fil-belt ta' Għawdex, imdawwra bis-swar. Mons. Dusina jsejjaħ lil din il-knisja bħala *principalem Ecclesiam Castri dictae Insulae,* jiġifieri l-knisja ewlenija tal-belt ta' Għawdex.[10] Fl-istess Viżta, din il-knisja tissejjaħ *la parrocchia di questa Isola del Gozzo sotto l'invocatione di Santa Maria dell'Assuntione...* - "il-parroċċa ta' din il-gżira ta' Għawdex taħt it-titlu ta' Santa Marija tal-Assunzjoni."[11] Dan għaliex din il-parroċċa kellha taħt il-ħarsien tagħha l-gżira kollha ta' Għawdex, għajr għas-subborg tal-belt, ir-Rabat, li kien maqsum f'tliet kwartieri żgħar u kull wieħed kellu l-knisja parrokkjali tiegħu. Ma ninsewx li f'dak iż-żmien f'Għawdex kien hemm biss erba' parroċċi: dik ta' Santa Marija fil-Belt u t-tlieta l-oħra 'il barra mis-swar, fir-Rabat. Mill-Viżta ta' Dusina ninnutaw ukoll li din kienet l-unika knisja parrokkjali f'Għawdex li kellha l-fonti tal-magħmudija. Dan għaliex din kienet il-knisja matriċi – il-parroċċa-omm – tat-tliet parroċċi l-oħra tar-Rabat: ta' Santa Marija ta' Savina (li aktarx kienet l-eqdem waħda mit-tlieta *fuori le mura*) iddedikata lit-Twelid tal-Madonna, ta' San Ġakbu u ta' San Ġorġ. Prova ta' dan li qed ngħidu hu l-fatt li Mons. Dusina jsejjaħ lill-knisja ta' Santa Marija fil-belt bit-titlu ta' "matriċi" meta jagħti l-lista tal-introjti li kellha din il-knisja: *Introiti della Matrici Ecclesia di questa Jnsula del Gozo.*[12] Wieħed irid jiftakar li fl-1435 din il-knisja kienet diġà msejħa bit-titlu ta' "matriċi": "*Sancte Marie Matricis Ecclesie*". Ta' min jgħid ukoll li l-oriġini ta' din il-parroċċa huma Biżantini u fl-1299, meta nafu din il-knisja kienet diġà tiffunzjona bħala parroċċa fil-veru sens tal-kelma, il-vjatku lill-moribondi kien għadu jingħata bir-rit Biżantin. Fl-1463, imbagħad, insibu li din il-knisja kienet diġà imżejna bit-titlu ta' Kolleġġjata, liema titlu kien ġie mogħti lilha mill-ġdid fl-1623. Fl-1864, imbagħad, din il-knisja ġiet magħżula mill-Papa Piju IX biex tkun il-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex, kif għadha sal-lum.[13]



*Il-kwadru storiku ta' Santa Marija tal-Qala, illum meqjum fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġużepp, fil-Qala, Għawdex. (Ritratt: Lorna Cremona)*

**2. Ta' Santa Marija tal-Qasam ta' San Pawl:**

Fil-Viżta Apostolika tiegħu, Mons. Dusina jgħid li din il-knisja kienet fit-territorju ta' San Pawl, mela aktarx li kienet fiż-żona imsejħa "tal-Qabbieża", fejn illum hemm l-irħajjel ta' Santa Luċija. Skont Mons. Dusina, ta' kull sena nhar Santa Marija, il-bdiewa tal-inħawi kienu jiċċelebraw b'devozzjoni quddiesa fiha. Il-kappella la kellha rettur u lanqas dħul. Mons. Dusina josserva li l-bieb tagħha kien insteraq mit-Torok u għalhekk ipprojbixxa li jsir il-quddies fiha.[14]

**3. Ta' Santa Marija ta' *Hain Xeibe*:**

Knisja oħra ta' Santa Marija kienet fl-inħawi tax-Xagħra. Mons. Dusina sejħilha: *Ecclesia sub vocabulo Sanctae Mariae ta Hain Xeibe* – Santa Marija ta' Għajn Xejba. Interessanti ħafna l-fatt li min kiteb ir-rapport niżżel dan l-isem ta' Għajn Xejba preċiżament kif semgħu jingħad mill-Għawdxin, bid-djalett tagħhom. Din il-knisja lanqas kellha rettur imma kien hemm ċertu Nardu ta' Sirakuża li kien iservi bħala prokuratur tagħha. Dan Nardu kien obbligat jorganizza quddiesa u jqassam il-ħobż lill-fqar nhar Santa Marija. Anke hawn



*Il-Knisja-Santwarju Nazzjonali ta' Santa Marija ta' Pinu. Fis-seklu 16 din kienet knisja ċkejkna tal-kampanja imsejħa Ecclesia ta Gentile - "il-Knisja ta' Gentile".*

insibu li din il-knisja la kellha bieb, la saqaf, u lanqas ebda tiżjin ieħor. Mons. Dusina ordna li jsir il-bieb fi żmien xahar.[15]

**4. Ta' Santa Marija tal-Qala:**

Hawnhekk Mons. Dusina qiegħed jirreferi għal dik li illum hija l-Knisja tal-Kunċizzjoni, fir-raħal tal-Qala.[16] Din hi waħda mill-eqdem knejjes ta' Għawdex, imżejna b'ħafna leġġendi u folklor ieħor Għawdxi.[17] Fi żmien Dusina, din il-knisja kienet għadha ddedikata lil Santa Marija. Kien żmien wara li nbidel it-titular minn dak tal-Assunta għal dak tal-Kunċizzjoni. Dan seħħ nhar il-21 ta' Novembru 1615, meta l-Isqof Baldassare Cagliares, li ommu Ursula Falzon kienet mill-Parroċċa tal-Matriċi ta' Għawdex (illum il-Katidral), waqt il-Viżta Pastorali tiegħu, irregala l-kwadru sabiħ u importanti tal-Kunċizzjoni li hemm illum fuq l-artal maġġur, xogħol attribwit lill-artist Taljan Francesco Vanni minn Siena.[18] B'xorti tajba l-kwadru l-antik ta' Santa Marija ma ntilifx u għadu meqjum sal-lum fil-knisja parrokkjali "il-ġdida", iddedikata wkoll lill-Kunċizzjoni u lil San Ġużepp. Intant, lura għall-Viżta Appostolika ta' Dusina. Fl-1575, din il-knisja kellha parti minnha mħarbta, kien jonqosha l-bieb u kienet nieqsa minn kull tiżjin. Il-benefizzju sempliċi li kien hemm marbut magħha kien f'idejn Dun Lawrenz de Apapis. Din il-knisja kellha nofs modd raba' li mid-dħul tiegħu kellha titqaddes quddiesa nhar Santa Marija u tissewwa kull meta kienet iġarrab xi ħsarat. Minħabba l-qagħda prekarja tagħha, Mons. Dusina deherlu li għandu jipprofonaha u ordna li l-obbligu u d-dħul tagħha għandhom jgħaddu għand il-knisja parrokkjali, mela dik matriċi ta' Santa Marija fil-Belt.[19] B'xorti tajba, wara l-Viżta Apostolika ta' Mons. Dusina, din il-knisja tranġat, infetħet mill-ġdid, u għadha magħna sal-lum.

**5. Ta' Santa Marija ta' Nofs Awwissu:**

Din il-knisja, imniżżla fir-rapport tal-Viżta Apostolika bħala *Ecclesia sub vocabulo Santae Mariae di mezzo Agosto*, kienet tinsab f'xifer l-irdum fl-inħawi *ta' Corthi* – tal-Qortin, f'Ta' Sannat. Kienet inbniet mill-mejjet Paolo Catuth li kien ukoll ħalla tomna raba' biex minnha ssir quddiesa f'din il-knisja nhar Santa Marija u jsiru t-tiswijiet fiha kull meta jkun hemm il-bżonn. Dan ir-raba', jgħid Mons. Dusina, kien f'idejn ċertu Mikiel Danfanzino. Anke din il-knisja kienet mingħajr bieb tal-injam imma kienet imdawra b'ħajt. Mons. Dusina ordna li fi żmien xahar kellu jsirilha l-bieb.[20] Ta' min jgħid li din il-knisja ġiet ipprofonata għal nofs is-seklu 17.[21]

**6. Ta' Santa Marija *Gaudiorum* ("tal-Ferħat" - is-seba' Ferħat tal-Madonna):**
Knisja oħra tal-Assunzjoni ta' Marija, magħrufa bħala *Sanctae Mariae Gaudiorum* għas-seba' Ferħat tal-Madonna jew "ta' Gajdoru" kif kienu jsejħulha l-Għawdxin, kienet tinsab *in contrata ta Ramle,* "fil-ħâra tar-Ramla". Mons. Dusina jinnota li din il-knisja kellha biċċa art madwarha – daqs nofs tomna – li tħalliet biex mid-dħul tagħha din il-knisja tinżamm tajjeb u ssir fiha ta' kull sena il-festa nhar Santa Marija. Mons. Dusina però josserva li l-knisja kienet kważi mħarbta għal kollox. Għalhekk deherlu li għandu jipprofonaha u għadda l-art u l-obbligu li kien hemm marbut magħha lill-knisja parrokkjali, il-matriċi fil-belt.[22] Nafu però li din il-knisja salvat mill-qerda peress li sa nofs is-seklu 17 kienet għadha teżisti. Ta' min jgħid ukoll li skont tradizzjoni antikissima din il-knisja laqgħet fiha lill-patrijiet Agostinjani u serviet bħala l-ewwel knisja konventwali tagħhom meta dawn waslu f'Għawdex għall-ewwel darba fis-seklu 5.[23] Jekk din it-tradizzjoni hija minnha, dan ifisser li din il-knisja kienet waħda mill-iktar antiki ta' Għawdex.

**7. Tal-Assunzjoni tal-Beata Maria fil-ħâra tal-Madliena:**
Din il-knisja kienet inbniet minn Andreotta Theobaldo, fil-ħâra tal-Madliena, fl-inħawi ta' Kerċem. L-istess Theobaldo kien ħalla erbat itmiem raba' bil-piż li titqaddes quddiesa nhar Santa Marija. L-istess fondi kellhom jintużaw ukoll għaż-żamma xierqa ta' din il-knisja. Meta żarha Mons. Dusina, il-prokuratur tagħha kien il-kjeriku Giovanni Theobaldo. Mons. Dusina jgħid li dan il-prokuratur ma kienx qiegħed iwettaq l-obbligu li kien hemm marbut ma' din il-knisja għax kienet kważi mġarrfa għal kollox. Għalhekk il-Viżitatur deherlu li għandu jipprofonaha u l-obbligu li kien hemm marbut magħha ġie mgħoddi lill-knisja matrici fil-belt.[24]

**8. Il-Knisja ta' *Gentile*:**
Hawnhekk Mons. Dusina qiegħed jirreferi għal dak li llum huwa s-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu, li hu ddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija fis-Sema. Fis-seklu 16, din il-knisja kienet waħda ċkejkna mitlufa fil-kampanja tal-Punent ta' Għawdex. Il-Viżitatur Appostoliku jsejħilha *Ecclesia ta Gentile* - "il-knisja ta' Gentile", jgħidilna li kienet tinsab fil-ħâra *ta' Hamar* – ta' Għammar, u nbniet mill-familja Gentile. Din l-istess familja ħalliet tomna raba' bil-għan li mid-dħul tagħha titqaddes quddiesa nhar Santa Marija u l-knisja tinżamm f'kundizzjoni tajba. Mons. Dusina jgħidilna però li l-knisja kienet fi stat ħażin – għoddha mħarrbta għal kollox u għalhekk il-prokuratur tagħha Mattew de Emmanuele ma kienx qiegħed iwettaq l-obbligu li kien hemm marbut ma' din il-knisja. Għalhekk Mons. Dusina ipprofonaha u għadda l-obbligu tagħha lill-knisja parrokkjali u matriċi fil-belt.[25] Kif nafu lkoll, però, din il-knisja ma nqerditx u l-Madonna, ħafna snin wara, kellha tqaddes lil dan il-post b'leħinha u tinqeda b'din il-knisja biex, permezz tat-twajba Karmni Grima, twassal messaġġ ta' tama u mħabba lill-Għawdxin u l-Maltin kollha.[26]

**9. Tal-Beata Marija Verġni fi Mġarr ix-Xini:**
Minkejja li Mons. Dusina jgħid li din il-knisja kienet *sub vocabulo Beatae Mariae Virginis* - "taħt it-titlu tal-Beata Verġni Marija"[27] – storikament hu magħruf li din kienet iddedikata lill-Assunzjoni tal-Madonna fis-sema. Il-ħâra ta' Santa Barbara, fejn Mons. Dusina jgħid li kienet tinsab din il-knisja, kienet fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini, fix-Xewkija. Mons. Dusina jgħid li din il-knisja kienet inbniet minn Rajnerju Machanoch li ħallielha wkoll modd raba' għaż-żamma tagħha u biex titqaddes quddiesa nhar il-festa. Ta' min jgħid li dan Rajnerju kien missier id-Duttur Nikola Anġ Maħnuq li, snin wara, kien ħalla l-ġid biex jinbena kulleġġ fil-belt ta' Għawdex imma peress li ħadd mill-werrieta ma ried jaċċettah, dan il-ġid ġie wżat biex titwaqqaf mill-ġdid il-kolleġġjata fil-knisja matriċi ta' Santa Marija fil-belt fl-1623.[28] Fi żmien Mons. Dusina, Rajnerju kien għadu jwettaq dan il-piż fil-knisja li kien bena huwa stess. Il-Viżitatur Appostoliku però sab li din il-knisja kienet mingħajr bieb peress li kien insteraq mit-Torok. Għalhekk huwa ordna li għandu jsir il-bieb tal-injam u sakemm dan isir, l-obbligu marbut ma' din il-knisja għandu jitwettaq fil-knisja parrokkjali u matriċi fil-belt.[29] Din il-knisja ġiet ipprofonata għal nofs is-seklu 17.[30]

**Tliet knejjes oħra**

Lejn tmiem is-seklu 16 konna niltaqgħu ma tliet knejjes oħra ddedikati lil Santa Marija f'Għawdex. Dawn kienu:

**10. Ta' Santa Marija fuq ta' Dbieġi:**
Din kienet wieqfa fuq il-quċċata tal-għolja ta' Dbieġi, l-ogħla ponta ta' Għawdex, u tissemma għall-ewwel darba fl-1446.[31] Nafu li kienet tgawdi devozzjoni kbira fost l-Għawdxin tant li fiha kienet tiġi ċċelebrata quddiesa ta' kull ġimgħa. Fis-sena 1596 il-Papa Klement VIII kien ta l-Indulġenza Plenarja lil min imur jinvista lil din il-knisja mill-ewwel għasar sat-tieni għasar tal-festi tal-Lunzjata u tat-Tlugħ fis-sema tal-Mulej (ta' Lapsi).[32] Kienet ukoll waħda mill-ftit knejjes li saħansitra kellha qanpiena fuq il-bejt tagħha, ħaġa rari ħafna f'dawk iż-żminijiet b'mod partikulari fil-knejjes tal-kampanja u dawk 'il barra mis-swar tal-belt. Dan għaliex it-Torok kienu jisirqu mill-ewwel dawn il-qniepen biex idewbuhom u jużaw il-materjal taghhom biex minnu jagħmlu l-kanuni tagħhom. Din il-knisja daħlet ukoll fil-folklor Għawdxi. Dan għaliex magħha kien hemm marbuta l-leġġenda li din il-knisja nbniet minn wieħed kaptan Franċiż li nqabad bil-bastiment tiegħu f'maltempata qalila fi triqtu lejn il-Barberija. Kif

sab ruħu f'dak il-hemm, huwa u n-nies tiegħu għamlu wegħda li jekk isalvaw jibnu knisja lill-Madonna fl-ewwel art li jsibu ruħhom fiha. Il-Madonna semgħet it-talba tagħhom u peress li l-ewwel art li lemħu minn fuq il-baħar kienet l-għolja ta' Dbieġi, hemm bnew il-knisja tal-wegħda u ddedikawha lil Santa Marija.[33] Din il-knisja baqgħet wieqfa sa nofs is-seklu 17, meta mbagħad ġiet ipprofonata fl-1657 għaliex kienet fi stat ħażin ta' tiġrif.[34] Xi fdalijiet minnha kienu għadhom weqfin f'nofs is-seklu 18.[35]

**11. Ta' Santa Marija ta' Għajn Meddew:**
Din il-knisja kienet tinsab fl-inħawi ta' bejn ix-Xagħra u Marsalforn. Fl-1598 però kienet fi stat ħażin u nofsha mġarrfa.[36]

**12. Ta' Santa Marija fil-Ponta ta' Marsalforn:**
Anke din, bħal ta' qabilha, fl-1598 kienet nofsha mġarrfa.[37] Fil-bidu tas-seklu 17, però, kienet tranġat u nfetħet mill-ġdid għall-qima tal-poplu[38] imma biż-żmien sfat mill-ġdid abbandunata u pprofonata. Ta' interess partikulari hu l-fatt li din il-knisja tat l-isem lil dawk l-inħawi ta' Marsalforn. Fil-fatt l-Għawdxin midħla ta' Marsalforn għadhom sal-lum isejħu lil dawk l-inħawi: "il-ponta ta' Santa Marija".

Minn dak kollu li għidna f'din il-kitba, wieħed jikkonkludi li lejn tmiem is-seklu 16, f'Għawdex kien hemm tal-anqas tnax-il knisja ddedikati lil Santa Marija! Bla dubju ta' xejn li seta' kien hemm oħrajn li nqerdu u sal-lum bqajna ma nafux bihom.

Minn dawn it-tnax-il knisja li semmejna f'din il-kitba, tlieta biss rebħu l-prova taż-żmien u baqgħu weqfin saż-żminijiet tal-lum. Dawn huma (i) **il-Knisja Katidrali tal-Assunta** fiċ-Ċittadella, (ii) **il-Knisja ta' *Gentile*** – illum is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu, u (iii) dik ta' **Santa Marija tal-Qala** li, kif għidna, illum hija ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Imma l-imħabba u d-devozzjoni lejn Santa Marija u l-festa għażiża tagħha ta' Nofs Awwissu għadhom, u jibqgħu f'qalb l-Għawdxin għal dejjem.


**Referenzi**

1 A.M. Saliba, "Il-Belt u l-'Parroċċa ta' Għawdex'" *in Festa Santa Marija 2020, Victoria Għawdex,* 82.
2 G.P.F. Agius De Soldanis, *Il Gozo Antico-moderno e Sacro-profano, Isola Mediterranea adiacente a Malta Africana, Librerija Pubblika ta' Għawdex (1746),* tradott għall-Malti minn G. Farrugia, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu, I,* Malta 1936, 77.
3 Saliba, 90.
4 P.P. Castagna, *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha. It-Tieni Parti. Storja Politika,* Malta 1890, 194.
5 G. Bosio, *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustrissima Militia di San Giovanni Gierosolimitano,* parte III, 2da impressione, Napoli Venezia 1684, 304-305.
6 Saliba, 91.
7 G. Aquilina – S. Fiorini (eds), *Documentary Sources of Maltese History (= D.S.M.H.) Part IV, Documents at the Vatican No. 1, Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari, Malta: Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina,* Malta 2001, 135.
8 Saliba, 86.
9 A. Cassola, *Malta. People, Toponomy, Language (4th century BC – 1600),* Malta 2011, 59.
10 *D.S.M.H. Part IV, 135.*
11 *Ibid., 228.*
12 *Ibid., 359.*
13 Saliba, 86-88.
*14 D.S.M.H. Part IV, 189.*
*15 Ibid., 191.*
16 *Ibid., 191-192.*
17 J. Chetcuti – A.M. Saliba, "Il-Madonna fil-Leġġendi minn Għawdex", *Il-Mument* 16/5/2021, 23.
*18* Għal ħafna snin, dan il-kwadru kien attribwit lill-artist taljan Federico Barrocci minn Urbino (c.1535-1612).
Studju u analiżi riċenti però wrew li dan huwa xogħol l-artist taljan Francesco Vanni minn Siena (1563-1610) li kien attiv f'Ruma bejn l-aħħar tas-seklu 16 u l-bidu tas-seklu 17. Fix-xogħol tiegħu Vanni kien inluwenzat ħafna mill-Barrocci. Dwar dan, ara J. Marciari – I. Verstegen, "A newly reatributed painting by Francesco Vanni in Malta", in *Melita Historica* 15, 1(2012), 67-76.
19 *D.S.M.H.* Part IV, Visita Apostolica no. 5, Mgr Petrus Dusina, 192.
20 *Ibid., 192-193.*
21 Archivum Episcopale Gaudisiense ( = A.E.G.), *Visitationes Pastorales* ( = V.P.) 1657, f. 16r.
22 *Ibid., 193.*
23 A. Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,* Malta 1866, 564.
24 A.E.G., V.P. 1657, 194.
25 *Ibid., 192.*
26 Ara G. Farrugia, *La Beata Vergine "Ta' Pinu" in Gozo,* Malta 1891.
27 D.S.M.H. Part IV, , 191.
28 A. Bonnici, "Kronoloġija dokumentata ta' ġrajjiet il-Kolleġġjata tal-Assunta f'Għawdex (1623 – 1672)" *Il-Għid tal-Assunta,* 5(1980), 6.
29 *D.S.M.H.,* 191.
30 A.E.G., V.P. 1657, f. 16v.
31 J. Busuttil – S. Fiorini (eds.), *D.S.M.H. Part V, Documents in the Curia of the Archbishop of Malta No. 1, The Registrum Fundationum Beneficiorum Insulae Gaudisii 1435-1545,* Malta 2006, 55-57.
32 Agius De Soldanis, 72.
*33 Ibid.*
34 A.E.G., V.P. 1657, f. 12r.
35 Agius De Soldanis, 72.
36 Archivum Archiepiscopalis Melitensis ( = A.A.M.), Visitationes Pastorales ( = V.P.) 1598, f. 166r.
*37 Ibid., 166 v.*
38 A.E.G., V.P. 1615, f. 31v.